MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1030/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Alfred Borda u l-istess Alfred Borda**

**Vs**

**Dimech Anton**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm627.74 (sitt mija sebgha u ghoxrin Lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) dovuti ghal danni kkagunati f'incident stradali li sehh gewwa l-Gzira nhar is-27 ta' Dicembru 2001.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh il-Gzira fis-27.12.2001 bejn Toyota Starlet

nru FIO 315 misjuqa mill-attur u Mercedes Benz nru CBH 629 misjuqa mill-konvenut u kundanna lill-konvenut li jhallas, in linea ta' danni Lm602.74 lill-Untours Insurance Agents Ltd u Lm25 lil Joseph Borda.

Bl-ispejjes, komprizi Lm11.50 ta' konsult, Lm14.70 ta' ittra ufficjali (VAT inkluza fiz-zewg kazi) dawk tal-ittra ufficjali tal-lum ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-Avviz kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra tieghu;

Illi l-konvenut ma jahtix ghall-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruva waqt is-smiegh tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi f' din il-kawza odjerna Joseph Borda x-xufier waqt il-kollizjoni gie nieqes fil-mori tal-kawza u allura x-xhieda tieghu ma setghetx tigi moghtija. L-atturi kellhom joqghodu fuq ir-rapport tal-Pulizija li kien ha d-dikjarazzjoni ta' l-istess xufier dakinhar tal-kollizjoni.

Il-Pulizija rraporta illi x-xufier tal-vettura FIO-315, "stated that while he was getting out of the parking bay after seeing that no one was coming vehicle registration number CBH-639 (misjuqa mill-konvenut) and in a sudden he braked and collided to the other vehicle, he then reversed and drove away".

Min dan ghandhu jirrizulta illi Borda kien qed jaqla mill-"parking" wara li suppost ha l-prekawzjonijiet kollha qabel ma qala mill-istess post tal-parking tieghu. Pero' ex

admissis jghid illi l-konvenut hasdu meta gie hdejh ibrekja u habat mal-vettura tieghu u baqa sejjer.

Da parti tieghu l-konvenut xehed fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2005 illi waqt li kien qed isuq il-vettura CBH-639, u jsuq f' Cameron Street, Gzira, vettura misjuqa mill-attur Borda li kienet ipparkjata fil-"parking area", qalghat minn posta u ma ndunax biha peress li qalghatu minn-naha tal-lemin u tieghu kienet "left hand drive".

Illi t-Tribunal ma jistax ma jirribadix illi, l-attur ghandhu l-oneru li jaghmel il-prova tal-kaz u kien ferm sfortunat illi x-xufier attur naqas li jaghti x-xhieda tieghu. Pero' mhux kontestat mill-istess attur, meta tkellem mal-Pulizija nvestigattiv li huwa kien ipparkjat. Ghandu jigi rilevat illi karozza meta ser taqla minn "parking area" u tidhol jew tohrog fit-triq, is-sewwieq ghandhu jara li meta tkun ser issir il-manuvra ghandhu jiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex wahda ma jikkostitwix ruhu bhala periklu ghall-terzi persuni u jkun jista jidhol fil-"flow" tat-traffiku bl-aktar mod regolari u ordinarju. B'hekk ma jkunx jista jostakola l-"flow of traffic". Dan huwa konfermat anki mix-xhieda ta' l-istess konvenut.

Illi l-konvenut xehed li waqt li kien miexi fit-triq, l-iehor qala mill-"parking" u baqa diehel go fih. Huwa kien ghaddej mit-triq principali u l-attur qala mill-post fejn kien ipparkjat u kien f'dak il-mument li saret il-kollizjoni.

It-Tribunal ma jirraviza l-ebda nuqqas fl-operat tal-konvenut u wisq anqas ikkontribwixxa ghall-istess incident. It-Tribunal huwa tal-fehma illi ghall-istess incident huwa unikament responsabbli l-istess attur li naqas li jzomm "a proper look out" u jiehu dawk il-prekawzjonijiet qabel ma gie biex jaqla minn post ta' "parking" sabiex ikun jista jidhol fit-triq principali fejn kien hemm it-"traffic" ghaddej.

Jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici u bl-ispejjes ghall-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------